PARLAMENT EWROPEW

2004 2009

*Dokument ta' sessjoni*

28.5.2008 B6-0283/2008

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

skond l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura

minn José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Stefano Zappalà, Jacek Saryusz-Wolski, Karl von Wogau, Elmar Brok u Jonathan Evans

f'isem il-Grupp PPE-DE

dwar is-samit bejn l-UE u l-Istati Uniti

**B6-0283/2008**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-samit bejn l-UE u l-Istati Uniti**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-relazzjonijiet transatlantiċi, b'mod partikolari ż-żewġ riżoluzzjonijiet tiegħu ta' l-1 ta' Ġunju 2006 dwar it-titjib tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-qafas ta' Ftehima ta' Partnership Tranżatlantiku[1] u dwar ir-relazzjonijiet ekonomiċi Tranżatlantiċi bejn l-UE u l-Istati Uniti[2], u r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' April 2007[3],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet ta' l-UE u l-Istati Uniti dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u t-tisħiħ tal-koperazzjoni reċiproka fir-rigward tan-nonproliferazzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu tas-26 ta' Ġunju 2004 u ta' l-20 ta' Ġunju 2005,

– wara li kkunsidra l-konklużjoni tas-Samit bejn l-UE u l-Istati Uniti li sar fit-30 ta' April 2007 f'Washington D.C.,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tat-63 Djalogu Transatlantiku tal-Leġiżlaturi ta' Ottubru 2007,

– wara li kkunsidra l-konklużjoni tal-laqgħa tal-Kunsill ta' l-Atlantiku tat-Tramuntana li saret f'Bukarest fit-3 ta' April 2008,

– wara li kkunsidra s-samit bejn l-UE u l-Istati Uniti li se jsir dalwaqt fl-10 ta' Ġunju 2008 f'Brdo, is-Slovenja,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi s-sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti, li hi bbażata fuq il-valuri komuni tal-libertà, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem hija l-pedament tas-sigurtà u l-istabilità fiz-zona Ewro-Atlantika,

B. billi huwa neċessarju li l-libertà u d-demokrazija jiġu promossi fid-dinja u li jiġu indirizzati l-isfidi li dawn jinvolvu, bħas-sigurtà internazzjonali, l-eliminazzjoni tal-faqar, il-promozzjoni ta' l-iżvilupp, il-bżonn ta' sforzi ta' diżarmament madwar id-dinja kollha, il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, l-azzjoni kontra r-riskji globali għas-saħħa, il-kwistjonijiet ambjentali, is-sigurtà ta' l-enerġija, il-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali u l-kriminalità organizzata, u n-nonproliferazzjoni ta' l-armi tal-qerda tal-massa,

C. billi huwa fl-interess taż-żewġ imsieħba li jindirizzaw flimkien it-theddid u l-isfidi komuni, fuq il-bażi tat-trattati internazzjonali eżistenti u tal-ħidma effettiva ta' l-

[1] Testi Adottati, P6_TA(2006)0238.
[2] Testi Adottati, P6_TA(2006)0239.
[3] Testi adottati, P6_TA(2007)0155.

istituzzjonijiet internazzjonali, u b'mod partikolari tas-sistema tan-NU skond il-Karta tan-NU,

D. billi, bħal ma tagħmilha ċara l-Istrateġija Ewropea għas-Sigurtà, is-Sħubija Transatlantika u n-NATO huma importanti ħafna għas-sigurtà kollettiva,

E. billi s-suq transatlantiku, bħala l-akbar relazzjoni kummerċjali u ta' investiment bilaterali fid-dinja, jipprovdi impjieg għal 14-il miljun persuna fl-UE u fl-Istati Uniti, huwa responsabbli għal 40% tal-kummerċ dinji u jibqa' l-magna ta' l-ekonomija dinjija,

F. billi huwa fl-interess ta' l-UE u ta' l-Istati Uniti li jkun hemm relazzjoni ekonomika transatlantika koperattiva, u billi hija meħtieġa tmexxija politika konsistenti biex jissaħħaħ is-suq transatlantiku; jappoġġja l-ħidma kontinwa tal-Kunsill Ekonomiku Transatlantiku u jittama li jsir wieħed mill-pedamenti tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti,

1. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Uniti biex jaħdmu aktar mill-qrib flimkien fir-rigward ta' firxa ta' sfidi politiċi ta' interess komuni, l-aktar fil-Balkani tal-Punent, fil-Lvant nofsani, fl-Iran, fl-Afganistan u fl-Afrika, u jirrakkomanda wkoll il-promozzjoni ta' strateġija komuni fir-relazzjonijiet ma' parteċipanti ġeopolitiċi ewlenin oħra inklużi ċ-Ċina, l-Indja, il-Ġappun, l-Amerika Latina u r-Russja;

2. Jinkoraġġixxi lill-imsieħba biex isaħħu l-isforzi komuni tagħhom biex jippromwovu l-paċi, il-prosperità u l-progress fil-Lvant Nofsani fuq il-bażi ta' inizjattivi suċċessivi mwettqa mill-Kwartett skond ir-Road Map, filwaqt li f'kull stadju jiżguraw preżenza u djalogu regolari, b'saħħithom u komuni min-naħa tal-Kwartett; jenfasizza l-importanza ta' strateġija komuni fir-rigward ta' l-Awtorità Palestinjana, li tkun tinsisti fuq il-prinċipji tan-nonvjolenza, ir-rikonoxximent ta' l-Istat ta' Iżrael u l-aċċettazzjoni ta' ftehimiet u obbligi preċedenti, inkluża r-Road Map; jistieden lill-Iżrael u lill-Awtorità Palestinjana biex jevitaw azzjonijiet unilaterali li jistgħu jippreġudikaw l-għan aħħari ta' żewġ stati demokratiċi, l-Iżrael u l-Palestina, li jgħixu maġenb xulxin fil-paċi u fis-sigurtà; iħeġġeġ lill-Awtorità Palestinjana biex tagħmel dak kollu li tista' biex tevita li jkun hemm atti ta' terroriżmu u jħeġġeġ lill-Iżrael biex iwaqqaf l-espansjoni ta' l-insedjamenti fuq art Palestinjana; huwa ottimist li r-Rappreżentant il-ġdid tal-Kwartett, l-eks Prim Ministru Blair, flimkien ma' żieda fid-diplomazija bi tħejjija għal-laqgħa internazzjonali ta' Novembru, se jkunu jistgħu jagħmlu differenza reali fir-rigward tas-sitwazzjoni fil-post;

3. Jilqa' b'sodisfazzjon il-koperazzjoni mill-qrib bejn l-UE u l-Istati Uniti fir-rigward tal-kwistjoni nukleari Iranjana, li wasslet fit-3 ta' Marzu 2008 għall-adozzjoni mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tar-riżoluzzjoni 1803, li timponi sanzjonijiet ġodda fuq l-Iran; iqis li hija ħasra li l-Iran għadu ma kkonformax ma' l-obbligi internazzjonali tiegħu li jissospendi l-attivitajiet kollha relatati ma' l-arrikkiment u l-ipproċessar mill-ġdid, u jinkoraġġixxi liż-żewġ imsieħba biex ikomplu jikkoperaw biex tinstab soluzzjoni nnegozjata għal din il-kwistjoni li tkun tapplika fit-tul; jistieden lill-Istati Uniti, wara s-suċċess diplomatiku li kellha fin-negozjati mal-Korea ta' Fuq, biex tipparteċipa b'mod dirett fin-negozjati ma' l-Iran flimkien ma' l-UE, minħabba li l-Istati Uniti qiegħda f'pożizzjoni li toffri garanziji addizzjonali ta' sigurtà fil-qafas ta' sistema ta' sigurtà reġjonali komprensiva appoġġjata mill-impenn qawwi taż-żewġ naħat;

4. Jitlob li jkun hemm azzjoni konġunta u mifthiema vis-à-vis ċ-Ċina fir-rigward, b'mod

partikolari, tal-ħtieġa li jinstabu b'mod urġenti modi kif tiġi promossa d-demokrazija f'dak il-pajjiż, kif titnaqqas it-tensjoni fir-relazzjonijiet bejn iż-żewġ naħat ta' l-istrett, u kif jiġi ffaċilitat id-djalogu bejn l-awtoritajiet ta' Beijing u d-Dalai Lama sabiex ikun hemm progress konkret dwar il-kwistjoni tat-Tibet;

5. Jenfasizza l-impenn komuni li għadu għaddej fir-rigward tas-sigurtà u l-istabilità reġjonali fil-Balkani kollha; ifaħħar l-azzjoni immedjata, imparzjali u effettiva tal-Forza tan-NU għall-Kosovo, KFOR, quddiem il-vjolenza li faqqgħet reċentament fil-Kosovo, u jenfasizza l-ħtieġa li l-KFOR tibqa' fil-Kosovo fuq il-bażi tar-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU biex jiġi żgurat ambjent sikur, inklużi l-libertà tal-moviment għall-persuni kollha u għall-preżenzi internazzjonali kollha fil-Kosovo; jenfasizza f'dan il-kuntest li l-UE għandha rwol importanti fil-Kosovo, jilqa' b'sodisfazzjon it-tnedija tal-Missjoni ta' l-UE għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo u jinsisti li l-EULEX tkun preżenti fit-territorju kollu tal-Kosovo;

6. Jenfasizza li s-sigurtà Ewro-Atlantika u s-sigurtà internazzjonali f'sens usa' hija marbuta mill-qrib mal-futur ta' l-Afganistan bħala stat paċifiku u demokratiku li jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem u li hu ħieles mit-theddida tat-terroriżmu; jilqa' b'sodisfazzjon, għaldaqstant, l-impenn sod u fit-tul tan-NATO fir-rigward ta' l-Afganistan, kif enfasizzat fil-'Viżjoni Strateġika Ġdida' ta' l-ISAF, kif ukoll l-istrateġija komprensiva tal-komunità internazzjonali, li tiġbor flimkien l-isforzi ċivili u dawk militari, inkluża l-Missjoni tal-Pulizija ta' l-UE, li hija parti mill-impenn ġenerali ta' l-UE lejn l-Afganistan u minn strateġija koordinata ta' l-UE li tinkludi gwida politika lokali pprovduta mir-Rappreżentant Speċjali ta' l-UE u sforz ta' rikostruzzjoni mmaniġġjat inter alia permezz tal-Kummissjoni; iqisha bħala ħasra li stat membru tan-NATO qed ikompli jimblokka koperazzjoni effettiva bejn l-UE u n-NATO fl-Afganistan, biex b'hekk qed iċaħħad il-missjoni ta' l-UE minn informazzjoni u appoġġ ta' sigurta vitali min-NATO;

7. Jenfasizza l-importanza tan-NATO, li għadha l-forum essenzjali għall-konsultazzjonijiet tas-sigurtà bejn l-Ewropa u l-Istati Uniti, u l-importanza tal-politika barranija u tas-sigurtà ta' l-UE, fit-tisħiħ ta' l-abilità tagħna li naffrontaw it-theddidiet eżistenti u emerġenti għas-sigurtà fis-seklu 21; jilqa' b'sodisfazzjon il-kummenti tal-President Amerikan Bush waqt is-samit ta' Bukarest tan-NATO, li enfasizza li l-bini ta' alleanza b'saħħitha fin-NATO teħtieġ ukoll kapaċità ta' difiża Ewropea b'saħħitha, u li għaldaqstant iħeġġeġ lill-imsieħba Ewropej tiegħu biex iżidu l-investimenti tagħhom fid-difiża biex jappoġġjaw kemm l-operazzjonijiet tan-NATO u kif ukoll dawk ta' l-UE, u biex ikunu aktar b'saħħithom u aktar kapaċi meta l-Amerikani u l-Ewropej jikkollaboraw bejniethom; jirrakkomanda, għal dan il-għan, l-iżvilupp tar-relazzjoni eżistenti fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' sigurtà bejn in-NATO u l-UE, filwaqt li tibqa' tiġi rrispettata n-natura indipendenti taż-żewġ organizzazzjonijiet;

8. Huwa tal-fehma li l-proliferazzjoni tal-missili ballistiċi qed toħloq riskju dejjem akbar għat-territorju u għan-nazzjonijiet ta' l-UE u li d-difiża bil-missili tagħmel parti minn reazzjoni usa' biex wieħed jissielet kontra din it-theddida; jirrikonoxxi, għaldaqstant, il-kontribuzzjoni sinifikanti għall-protezzjoni ta' l-UE minn missili ballistiċi li jwasslu fuq distanzi twal li għandha tkun ipprovduta bit-tqegħid ta' assi Amerikani ta' difiża bil-missili li huma ppjanati li jkunu bbażati fl-Ewropa; jilqa' b'sodisfazzjon l-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' l-Istati Uniti mis-samit tan-NATO f'Bukarest, kif ukoll id-deċiżjoni tas-samit li

tiġi estiża s-sistema lejn zoni fl-Ewropa li ma jkunux koperti mill-pjanijiet attwali ta' l-Istati Uniti; jistieden lin-NATO biex tesplora, b'koperazzjoni mill-qrib ma' l-UE, modi kif il-kapaċità ta' l-Istati Uniti tiġi konnessa ma' l-isforzi attwali tan-NATO fir-rigward tad-difiża bil-missili bħala mod kif jiġi żgurat li tkun parti integrali minn kwalunkwe qafas ta' difiża bil-missili li jista' jkun hemm fil-ġejjieni fil-pajjiżi kollha tan-NATO u ta' l-UE; jinkoraġġixxi lill-Federazzjoni Russa biex tieħu vantaġġ mill-proposti ta' l-Istati Uniti għal koperazzjoni fid-difiża bil-missili, u jistieden lill-partijiet kollha involuti fil-proġett biex jesploraw il-potenzjal li meta jasal il-waqt is-sistemi Amerikani, tan-NATO u dawk Russi tad-difiża bil-missili jiġu konnessi flimkien;

9. Jemmen li l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-proliferazzjoni ta' l-armi tal-qerda tal-massa għadhom l-akbar sfidi għas-sigurtà taż-żewġ imsieħba; jilqa' b'sodisfazzjon, għaldaqstant, l-impenn taż-żewġ naħat biex tinstab reazzjoni globali effettiva għat-theddid ewlieni għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali li jirrappreżentaw il-proliferazzjoni ta' l-armi tal-qerda tal-massa u s-sistemi li jintużaw biex dawn jitwasslu, kif ukoll l-esportazzjoni u l-proliferazzjoni irresponsabbli ta' armi konvenzjonali, inklużi l-armi ż-żgħar u dawk ħfief; għal dan il-għan, jenfasizza l-ħtieġa li titkompla l-ħidma fir-rigward tat-tisħiħ tar-reġim tan-nonproliferazzjoni, u li jridu jsiru sforzi biex ikun hemm ħidma deċiżiva sabiex jiġu universalizzati t-trattati u l-konvenzjonijet relatati, b'mod partikolari l-Konvenzjoni ta' Ottawa li tipprojbixxi l-mini ta' kontra l-persuni, kif ukoll biex ikun hemm konformità mal-Kodiċi tal-Kondotta ta' The Hague Kontra l-Proliferazzjoni tal-Missili Ballistiċi, l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU dwar l-armi żgħar u l-armi ħfief, u l-konklużjoni ta' Trattat Internazzjonali li jorbot dwar il-Kummerċ fl-Armi;

10. Jenfasizza li d-data għandha tiġi skambjata meta jkun meħtieġ skond il-ftehim eżistenti bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar l-għajnuna legali reċiproka u l-estradizzjoni u f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-KE u ta' l-UE dwar il-ħarsien tad-data; jemmen li l-qsim tad-data personali għandu jseħħ f'qafas legali kif suppost li jistabbilixxi regoli u kundizzjonijiet ċari, li jiżgura ħarsien adegwat tal-privatezza u tal-libertajiet ċivili taċ-ċittadini individwali, u li jaħseb għal mekkaniżmi biex jinkiseb rimedju meta dan ikun meħtieġ;

11. Jistieden lill-Istati Uniti biex tneħħi immedjatament ir-reġim tal-viżi u biex tittratta liċ-ċittadini kollha ta' l-Istati Membri ta' l-UE bl-istess mod, fuq il-bażi ta' reċiproċità sħiħa; f'dan il-kuntest, jilqa' b'sodisfazzjon il-bidu tat-taħdidiet bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar sett ġdid ta' talbiet relatati mas-sigurtà li qed tagħmel l-Istati Uniti biex tistabbilixxi reġim mingħajr il-viżi;

12. Jenfasizza l-impenn tiegħu li jkompli jikkontribwixxi għal Sħubija Transatlantika soda u stabbli permezz ta' l-involviment tiegħu fid-Djalogu Transatlantiku tal-Leġiżlaturi; għadu jappoġġja l-isforzi biex tiġi stabbilita sistema ta' twissija bikrija leġiżlattiva bejn il-Parlament Ewropew u l-Kungress ta' l-Istati Uniti;

13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Parlamenti ta' l-Istati Membri u lill-President u lill-Kungress ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika.